FONTANA

Minuti tat-tlettax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret b`urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 12 ta` Frar 2009 fit-8.30 ta` filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

Risposta tad-Direttur għall-Gvern Lokali lill-Kunsill

Is-Sindku, fil-bidu tal-laqgħa, qal li l-laqgħa għax-xahar ta' Diċembru 2008 ma' saritx peress li l-minuti mill-laqgħa ta` Settembru ma kienux għadhom lesti. Is-Sindku informa lil-laqgħa li l-Kunsill kellu risposta tad-Direttur għall-Gvern Lokali. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lis-Sindku sabiex jagħmel żewġ dikjarazzjonijiet; dan peress li fl-Agenda dawn ma kienux imnizzla. Fl-ewwel dikjarazzjoni il-Kunsillier Lorry Apap insista mas-Sur Wally Terribile sabiex il-minuti tal-laqgħa jitniżżlu mis-Segretarju Eżekuttiv minħabba li s-Sur Wally Terribile kien Aġent, fil-fehma tiegħu *Acting Agent*. Il-Kunsillier Lorry Apap ddikjara ukoll li kien iħossu skomdu minħabba *leakages*, li skond hu ħarġu minn ġol-Kunsill. Hu qal li qiegħed jagħmilha uffiċjali li rriżenja mill-Partit Laburista, u li kien qiegħed jikkonsidra lilu nnifsu bħala Kunsillier Indipendenti. Dan b`rispett lejn il-Kunsilliera u dawk li eleġġewh. Il-Kunsiller Lorry Apap qal li kien kuntent jaħdem ma' sħabu l-Kunsilliera, u sostna li *leakages* ħarġu mill-Kunsill u qatt ma kien sejjer jaċċetta dan għal ebda raġuni.

Fit-tieni dikjarazzjoni tiegħu l-Kunsillier Lorry Apap qal li mhux ser jaċċetta xi *recording* ġewwa l-Kunsill, għalkemm hu ma kienx jaf jekk hux veru jew le, għax la ra u lanqas sema' li ġol-Kunsill sar xi *recording*. Huwa qal ukoll illi jekk xi ħadd ried jgħidlu xi ħaġa personali seta` jagħmel dan barra mill-bini tal-Kunsill, u r-risposta tingħatalu hemmhekk. Il-Kunsillier Lorry Apap f'dan l-istadju staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kemm kien fadlilha fil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha sa' l-aħħar ta' Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi refgħet 125.25 sigħat mill-*Vacation Leave* tas-sena 2008 għal din is-sena, li ser jittieħdu matul ix-xahar ta` Marzu.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lill-Aġent Segretarju jekk bħala Aġent kellux il-kwalifiki sabiex imexxi l-Kunsill, u għal kemm żmien. Il-Kunsillier Lorry Apap informa li nhar il-Ħamis 11 ta' Frar 2009, hu kien ċempel, flimkien mas-Sindku, lis-Sur Marcel Bonnici wara li



S.Borg

Diane Galea ma kinitx taf x'risposta tagħti għal *query* li kienet saritilha. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li s-Sur Bonnici qallu li meta Kunsill jiġi b'nuqqas ta' Segretarju Eżekuttiv huma jaraw jekk kienx ikun hemm minn għandu kwalifiki biżżejjed sabiex jimtela l-post, u jekk le tinħareġ *application* minn barra. Il-Kunsillier Lorry Apap talab lis-Sindku jikkonfermalu dak li kien qiegħed jgħid. Is-Sindku ikkonferma.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara lil Laqgħa, Leġizlazzjoni Sussidjarja 363.20 fir-rigward il-kwalifiki meħtieġa u Remunerazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sur Terribile qal li kien ser iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill, u dan għall-konvenjeza ta' kulħadd, iż-żewġ lawriji li għandu mill-Universita ta' Malta, kif ukoll id-diversi ċertifikati u riferenzi fil-*Management* u *Middle Management* li hu kellu minn diversi entitajiet differenti bħal MIMCOL, l-Universita ta' Malta u minn Kumpaniji privati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li fil-Liġi tal-Kunsilli Lokali hemm artiklu, l-49.1, fejn il-Ministru seta' jaħtar Aġent Segretarju Eżekuttiv għalhekk il-proċedura tal-ETC, f'dan il-każ, ma' tapplikax. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fakkar bl-ittra lid-Direttur, Gvern Lokali kien kitiblu fejn dan ta' l-aħħar infurmah li ġie maħtur Aġent Segretarju Eżekuttiv b'effett mill-14 ta' Jannar 2009, skond l-artiklu 49.1 tal-Att tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kemm kienet tħallset meta marret Segretarja mal-Kunsill Lokali Għajnsielem. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tħallset ta' *Scale* 11. Il-Kunsillier Lorry Apap hawnhekk staqsa kif Aġent Segretarju kellu jitħallas daqs Segretarju Eżekuttiv. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lil Laqgħa tal-Kunsill li fir-rigward is-salarju tiegħu, dan, dejjem skond l-ittra tad-Direttur, kellu jkun ekwiparat ma' dak tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li seta' inħatar Deputat Segretarju u nforma lill-Kunsill li l-Kunsill m`għandux biex iħallas għal żewġ Segretarji. Is-Sur Wally Terribile qal lil Laqgħa tal-Kunsill li fis-sena 2004, id-Direttur tal-Gvern Lokali kien ħareġ Memo sabiex ifakkar lil kull Kunsill fil-ħtieġa li f'kull Kunsill jkun hemm Deputat Segretarju, u dan dejjem skond l-Att tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Terribile qal li l-Kunsill jidher, li qatt ma ħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ikkommeta ruħu ma' kreditur, tal-Kunsill, li l-Kunsill kien ser iħallsu wara li jkunu tkejjlu l-affarijiet.

Is-Sur Terribile qal li l-Liġi tgħid li fir-rigward ta' *ranking* ta' min għandu jitħallas l-ewwel jew it-tieni, huma l-impjegati tal-Kunsill li jiġu l-ewwel, it-tieni hemm l-NI, l-Onorarja tas-Sindku, u fl-aħħar jiġu l-kredituri. Hu qal li jekk jitħallsu s-salarji dovuti u l-NI, l-onorarja tas-Sindku, kif ukoll 18000 euro ta' xi kontijiet li kienu ħafna b'lura, il-Kunsill ikun faddallu 6000 euro. Is-Sindku qal li ma' setgħax ikun hemm Segetarju u Aġent Segretarju. Staqsa fejn hem fil-Liġi fejn jindika dan. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li b'sitwazzjoni bħal din il-Kunsill seta' jispiċċa fuq il-Media, fejn Kunsill ta' sitt toroq kellu żewġ segretarji. Is-Sur Terribile fakkar lil Kunsilliera preżenti għall-Laqgħa li l-ktieb tax-xogħol tiegħu kien għadu ma' infetaħx u dan b'lura mill-14 ta' Jannar 2009. Bħala risposta għal mistoqsija tal-Kunsillier Lorry Apap kemm ser idum mal-Kunsill, is-Sur Terribile qal li ma' kienx jaf. Li kien jaf biss kien li l-Gvern kien ħabbar riforma għall-Kunsilli Lokali, u ser ikun hemm mod ta' kif jintgħażel is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li sa' kemm issir ir-riforma u l-applikanti għal Segretarji jmorru kors l-Universita, wieħed għandu iżjed minn sena.

Il-Kunsillier Lorry Apap reġa' staqsa lis-Sur Terribile kemm kien ser idum mal-Kunsill. Is-Sur Terribile qal li hu ma jafx kemm ser idum mal-Kunsill. Fakkar lil Laqgħa li hu kellu ukoll dritt, skond il-Liġi, għal *Qualification Allowance*. Il-Kunsillier Lorry Apap qal lill-Laqgħa li s-Sur Marcel Bonnici kien qallu li l-ktieb tax-xogħol jista' jiġi ffirmat *back dated*,



S.Borg

f'dan ir-rigward ma' kienx hemm problemi. Il-Kunsill qabel li jiġi ffirmat *backdated*. Il-Viċi-Sindku, s-Sur Anthony Borg, issuġġerixxa li s-Sur Terribile jitħallas, u tintalab *refund* lill-Ministeru.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet taqra l-*email* li ntbgħatet lid-Direttur Gvern Lokali sabiex hu jistħarreġ il-possibilta` li s-salarju dovut ta' kull xahar lis-Sur Terribile, sa l-aħħar ta Marzu 2009 jitħallas mid-Dipartiment tiegħu, peress li l-Kunsill ma kellux flus allokati għal dan il-għan. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ukoll ir-risposta tad-Direttur fejn dan ta' l-aħħar informa lill-Kunsill li l-ħlas irid isir mill-Kunsill Lokali.

F'dan l-istadju s-Sindku talab lis-Sur Terribile sabiex jirtira għax ried ikellem lil-Laqgħa. Is-Sur Terribile irrimarka li l-Laqgħa kienet waħda pubblika u għalhekk ma' kellux għalfejn jirtira. Hu qal ukoll li ma kien qiegħed isib l-ebda oġġezzjoni li jirtira, iżda li kien qed jgħid kien li f'dak il-ħin hu seta' joqgħod għax kien jikkonsidra ruħu bħala parti mill-pubbliku. Is-Sur Terribile irtira mill-laqgħa. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex nieħdu parir mingħand id-Direttur għall-Gvern Lokali dak il-ħin, jekk l-Aġent Segretarju jistax jiġi mitlub li jirtira. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li meta jiġi diskuss il-*perfomance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv din tintalab li tirtira mill-laqgħa.

Is-Sur Terribile informa lill-Kunsill li kellu joħroġ peress li bagħtet għalih il-Ministru. Is-Sindku qal lis-Sur Terribile sabiex joqgħod jistenna ftit sakemm jagħmel dikjarazzjoni. Is-Sindku qal li għandu tagħrif illi xi jiem ilu sar *recording* fl-Uffiċċju tal-Kunsill u mbagħad issemma lit-tliet persuni li kienu preżenti waqt li sar ir-*recording*. Huwa qal illi jikkundanna dan l-aġir u dawn l-affarijiet qatt ma ġraw qabel fil-Kunsill. Huwa qal illi għandha tinkiteb ittra lid-Direttur b`dan.

Is-Sur Terribile skuża ruħu u ħareġ. Il-Kunsill qabel illi jerġa` jikteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn jitolbu jerġa` jikkunsidra li l-ħlas tal-Aġent Segretarju jsir mid-Dipartiment. Id-Direttur għandu jiġi mitlub jinforma lill-Kunsill kemm ser idum is-Sur Terribile bħala Aġent Segretarju fil-Kunsill. Kopja ta` din l-ittra għandha tintbagħat lis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

***Business Plan***

Is-Sindku qal illi l-*Business Plan* għandu jsir fuq l-affarijiet li hemm pendenti u l-inizjattivi li hemm fil-mozzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

**Approvazzjoni tal-kont ta` Nicky Saliba**

Il-Kunsill approva l-kont ta` Nicky Saliba. Dan sar wara li x-xogħol tkejjel mis-Sindku u mill-Kunsillier Lorry Apap. Is-Sur Nicky Saliba rriveda l-kont, wara li saret laqgħa fl-Uffiċċju tal-Kunsill fil-preżenza tiegħu u ta` missieru Frenċ Saliba li kien responsabbli mix-xogħol. Min-naħa tal-Kunsill kienu preżenti s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Lorry Apap.



S. Borg

FONTANA

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta` filgħodu. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 27 ta` Frar 2009 fis-1.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku